**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 23 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 22/2017/1 AF**

**Amanda Galea**

**vs**

**Mark Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Amanda Galea li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talbet lil din il-Qorti zzomm lil Mark Galea milli jittrasferixxi jew jghabbi b'xi piz diversi proprjetajiet.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Mark Galea li permezz taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra, ssottometta li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat in-noti tal-partijiet.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Jirrizulta illi l-partijiet f'dawn il-proceduri ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Ir-rikorrenti permezz ta' dan il-mandat, qeghda tittenta tikkawtela l-jeddijiet taghha fuq sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u sehemha mill-krediti li ghandha l-istess komunjoni fil-konfront tal-gid parafernali ta' zewgha.

Ma jidhirx kontestat illi l-proprjetà li r-rikorrenti qeghda tittenta tolqot bil-mandat odjern li hija esklussivament parafernali, u tappartjeni lill-intimat zewgha. Minkejja li d-dhul mill-istess proprjetajiet jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u jidher li r-rikorrenti jista' jkollha personalment krediti fil-konfront tal-istess komunjoni, hija ma tidher li ghandha, f'dan l-istadju, ebda jedd fuq il-proprjetà parafernali kollha ta' zewgha li jwassal lil din il-Qorti biex izzommu milli jagixxi dwar l-istess proprjetà kif jidhirlu. Ghall-kreditu taghha personalment fil-konfront tal-komunjoni ghandha taghmel tajjeb il-proprjetà tal-komunjoni.

Madankollu, peress illi jidher li hija ghnadha sehem minn kreditu tal-komunjoni fil-konfront tal-proprjetà parafernali ta' zewgha, din il-Qorti tqis li hija ghandu kull jedd tikkawtela dan l-istess kreditu li jidher li jammonta ghal xi €50,000.

F’dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tqisx gustifikat li jintlaqtu bl-effetti tal-mandat il-proprjetajiet kollha tal-intimat u ser tirrestringi l-effetti tal-mandat ghad-dar matrimonjali u cioè Vela Vista, Block B, Flat 11, Triq il-Bahhara, Qawra.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar 2017 u tilqa’ t-talba limitatament fil-konfront tal-fond Vela Vista, Block B, Flat 11, Triq il-Bahhara, Qawra.  Tordna li r-Registratur jeffettwa d-debita registrazzjoni.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza bejn il-partijiet.

IMHALLEF